31971R0912

L 98/42 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 1.5.1971

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 912/71 TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' April 1971

li jemenda t-test Franċiż u Taljan tar-Regolament (KEE) Nru 391/68 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal intervent permezz ta' xiri lura ta' laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 121/67/KEE ([1]) tat-13 ta' Ġunju, 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'laħam tal-majjal, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 777/71, ([2]) u b'mod partikolari l-Artikoli 4(6) u 5 (3) ta' dan;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 391/68 ([3]) ta' l-1 ta' April. 1968 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal intervent permezz ta' xiri lura ta' laħam tal-majjal, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2665/70, ([4]) stabbilixxa regoli dettaljati għal xiri lura, ħażna u bejgħ ta' laħam tal-majjal mill-aġenziji ta' intervent ta' l-Istati Membri;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2665/70 issupplementa dawk ir-regoli, partikolarment fir-rigward tat-temperatura tar-refriġerazzjoni, it-temperatura tal-ħażna u l-ippakkjar;

Billi hemm diskrepanza bejn it-test Franċiż u dak Taljan u t-testi fil-lingwi l-oħra tal-Komunità fir-rigward tar-regoli supplementari, li ma jikkorrispondux għall-miżuri adottati mill-proċedura li hemm provdut għaliha fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru121/67/KEE; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkunu emendati t-testi relevanti tar-Regolament (KEE) Nru 391/68;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Laħam tal-Majjal;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Li ġej għandu jitbiddel għat-Test Franċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 391/68:

"Les États membres prennent toutes mesures aptes à assurer la bonne conservation des produits ħażniet. La température de congélation doit être égale ou inférieure à moins 30° Celsius, permettant d'obtenir une température à coeur égale ou inférieure à moins 15° Celsius. La température de stockage doit être égale ou inférieure à moins 20° Celsius."

Artikolu 2

Li ġej jitbiddel għat-test Taljan ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 391/68:

"Gli Stati membri adottano tutte le misure indonee ad assicurare la buona conservazione dei prodotti ammassati. La temperatura di congelamento deve essere uguale o inferiore a meno 30° Celsius per permettere di ottenere una temperatura al centro della massa uguale o inferiore a meno 15° Celsius. La temperatura di conservazione in ammasso deve essere uguale o inferiore a meno 20° Celsius.

I suini macellati, in carcasse o mezzene, sono imballati, dopo congelazione, in polietilene, idoneo all'imballaggio di prodotti alimentari, di 0.705 mm di spessore ed in sacchi di cotone (stokinetti).

Le pancette (ventresche) ed il lardo sono imballati dopo congelazione, in polietilene, idoneo all'imballaggio di prodotti alimentari, di 0.705 mm di spessore."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mis-26 ta' April, 1971.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' April, 1967.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Franco M. MALFATTI

([1]) ĠU Ċ 117, 19.6.1967, p. 2283/67.
([2]) ĠU L 85, 15.4.1971, p. 30.
([3]) ĠU L 80, 2.4.1968, p. 5.
([4]) ĠU L 284, 30.12.1970, p. 55.